MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 35/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Muscat**
***-- omissis --***

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Muscat u Jonathan Muscat talli fid-16 ta' Ottubru 2003 fin-Nadur Ghawdex bhala persuni li ghandhom licenzja biex izommu jew ikollhom f'idejhom jew fuqhom armi tan-nar jew munizzjoni ma zammewx fil-kustodja taghhom l-armi u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi tikkonfiska l-oggetti ezibiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta' Jannar 2004 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil Jonathan Muscat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu

izda sabet lil John Muscat hati skond dik l-imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ mitt lira (Lm100) u ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti ezibiti favur il-Gvern ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi John Muscat, minnu prezentat fit-3 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza in kwantu tikkoncerna lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Frar, 2004; ikkunsidrat:

Dana huwa appell minn sentenza li sabet lil John Muscat hati skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 66. Din id-disposizzjoni tipprovdi illi:

**Kull min ikollu licenza biex izomm jew biex ikollu fidejh jew fuqu armi tan-nar jew munizzjon, ghandu jzommhom fil-kustodja tieghu b’mod li ma jkunux jistghu jigu f’idejn haddiehor.**

Kif gie osservat diversi drabi minn din il-Qorti[1] l-iskop ta’ din id-disposizzjoni huwa sabiex jigi assigurat li kull min ghandu licenzja “to keep” jew “to carry” jiehu dawk il-mizuri kollha ragonevoli sabiex l-arma (jew munizzjon) li ghandu jew li jkun qed igorr ma tigix accidentalment f’idejn persuna ohra, kif ukoll li ma tinghatax biex tinzamm jew tingarr minn persuna li m’ghandhiex licenzja “to keep” jew “to carry” (skond il-kaz) dik l-arma jew dak il-munizzjon.

Fl-kaz in dizamina jirrizulta bhala fatt li l-appellant ghandu f’ismu erba’ snieter. Meta l-Pulizija, li kienu qed jaghmlu xi investigazzjonijiet dwar ibbalzmar ta’ ghasafar, marru fir-residenza ta’ l-appellant, huma sabu li ma kien hemm hadd id-dar – il-post kien imsakkar. L-Ispettur li kien qed imexxi l-Pulizija, pero`, kien jaf li l-appellant u martu kellhom hanut mhux il-boghod mid-dar, u ghalhekk wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija mar f’dan il-hanut u fil-vicinanzi sab lill-appellant u qallu biex imur maghhom u jifthilhom id-dar ghax kellhom bzonn jaghmlu perkwisizzjoni. L-appellant u ibnu marru ma’ l-ufficjali tal-

[1] Ara ***Il-Pulizija v. Josianne Mallia*** App. Krim. 16/3/1999; ***Il-Pulizija v. Rita Tanti*** App. Krim. 7/12/2000.

Pulizija u fethulhom id-dar. Fil-kcina, jistriehu ma' hajt, il-Pulizija sabu erba' snieter, tnjen fil-ghata taghhom u tnejn ohra li ma kienux fil-ghata taghhom, kif ukoll cinturin bl-iskratacc fuq il-mejda ta' l-istess kcina. L-appellant jikkontendi li huwa kien beda jnaddaf dawn is-snieter meta cemplitlu martu ghax kellha bzonnu fil-hanut, u ghalhekk dan halla kollox fil-kcina u mar il-hanut wara li sakkar id-dar. Hu jghid li s-snieter normalment izommhom f'kamra zghira li tissakkar u c-cavetta jzommha hu. Ghad-dar ghandhom access l-appellant, ibnu li hu maggorenni u li wkoll ghandu licenzja tal-kacca, u mart l-appellant (li ma ghandhiex licenzja tal-kacca u anqas licenzja biex izzomm arma). It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li l-appellant kien regolarment ihalli dawn is-snieter mal-hajt fil-kcina jew altrimenti mhux imsakkra jew kustoditi fid-dar, u dan peress li xi sena qabel meta kienet saret perkwisizzjoni ohra, dawn is-snieter kienu nstabu wkoll facilment accessibbli specjalment ghall-mara ta' l-appellant (li, kif inghad, m'ghandhiex licenzji dwar armi). Pero` wiehed ma jridx jinsa li l-imputazzjoni odjerna tirreferi biss ghall-okkazzjoni meta, fis-16 ta' Ottubru tas-sena l-ohra, saret il-perkwisizzjoni mill-Pulizija – f'dak il-hin certament ma kien hemm hadd li seta' jkollu access ghas-snieter in kwistjoni, u f'dan is-sens jista' ghalhekk jinghad li dawn kienu fil-kustodja ta' l-appellant b'mod li ma setghux jigu f'idejn haddiehor. Wara kollox il-ligi ma tezigix li armi simili jew munizzjon ghandhom jinzammu f'xi post partikolari fid-dar, jew li jkunu taht xi forma ta' sokor partikolari. Dak li wiehed irid jistaqsi hu jekk f'xi hin partkolari – f'dan il-kaz meta l-Pulizija ghamlu l-perkwisizzjoni taghhom – jistax jinghad li kienu fis-sehh mizuri ragonevoli biex jassiguraw li l-armi u l-munizzjon ma jigux f'idejn terzi li ma kellhomx permess ikollhom tali oggetti. F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, u bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, ir-risposta kellha tkun definittivament fl-affermattiv. Kienet tkun differenti r-risposta ghal dak il-kwezit li kieku, per ezempju, id-dar ma kienitx imsakkra (u ghalhekk setghu facilment jidhlu xi girien, jew membri ohra tal-familja, jew anke xi malintenzjonat); jew li kieku fid-dar kien hemm persuni ohra (anke jekk biss mart l-appellant) meta l-armi u l-munizzjoni kienu fil-kcina u ghalhekk liberament accessibbli ghal dawn it-terzi.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha takkolji l-appell.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna lill-appellant John Muscat, u konsegwentement tillibera lill-istess John Muscat minn kull imputazzjoni, htija w piena; filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tirreferi ghal Jonathan Muscat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------